**LINJI GWIDA U REGOLAMENTI**

**Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2026**
**4-8 ta' Novembru**
**MFCC, Ta' Qali**

L-iskadenza sabiex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet hija **d-19 ta' Mejju, 2026.**

Dan id-dokument huwa għal-linji gwida u r-regolamenti biss. L-applikazzjonijiet qegħdin jintlaqgħu biss permezz ta' ktieb.submittable.com/submit. Kwalunkwe applikazzjoni li tasal permezz ta' pjattaformi oħra, bħall-email, MHIX se tiġi kkunsidrata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

## 1) Tipi ta' Esebituri

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa avveniment organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sabiex iħeġġeġ il-qari, il-bejgħ u x-xiri tal-kotba fi kwalunkwe format. Għalkemm l-esebituri huma permessi jbigħu l-kotba lill-pubbliku ġenerali, l-għanijiet primarji tal-avveniment huma edukattivi u kulturali. Għalhekk: **l-esebituri jistgħu jbigħu kotba biss, fi kwalunkwe format, u ma jistgħux ibigħu prodotti oħra għajr kotba. Huwa strettament ipprojbit li l-vawċers jissarrfu f'materjal ieħor (pereżempju xi tip ta' board game, stationery, pupazzi, sħubija, eċċ.) għajr kotba.**

Għall-għanijiet ta' din il-formola, 'ktieb' huwa definit bħala pubblikazzjoni li tinkludi numru tal-ISBN maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jew minn kwalunkwe entità oħra rikonoxxuta mill-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN.
L-esebituri fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2026 iridu jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin sabiex jipparteċipaw:

### i. Pubblikaturi
Persuna jew grupp ta' persuni li għandhom dar tal-pubblikazzjoni u jippubblikaw il-kotba.

### ii. Professjonisti tal-Industrija tal-Ktieb
Aġenti u sensara letterarji, disinjaturi tal-grafika, illustraturi, żviluppaturi tal-kontenut u kwalunkwe professjonist ieħor li jaħdem b'rabta mal-industrija tal-ktieb jew speċifikament fi ħdanha.

### iii. NGOs relatati mal-Industrija tal-Ktieb

NGOs li jispeċjalizzaw fil-promozzjoni ta' aspett edukattiv kif speċifikat mil-liġi, il-promozzjoni ta' lingwa partikolari, entitajiet relatati mas-settur tal-arkivji jew tal-libreriji, gruppi jew kollettivi ta' awturi u pubblikaturi, u gruppi kulturali u akkademiċi. L-NGOs huma awtomatikament assenjati stands ta' Kategorija A b'miżata ta' €150.

<u>iv. Istituzzjonijiet Akkademiċi u/jew Edukattivi</u>
Istituzzjonijiet akkademiċi u/jew edukattivi primarji, sekondarji u terzjarji li huma definiti b'dan il-mod mil-liġi.

<u>v. Istituzzjonijiet Pubbliċi</u>
Istituzzjonijiet pubbliċi li jirrappreżentaw lill-pubblikaturi jew l-awturi, kemm barranin u kemm lokali.

<u>vi. Distributuri/Bejjiegħa tal-Kotba</u>
Entitajiet jew kumpaniji li jiddistribwixxu u/jew ibigħu l-kotba fi ħwienet kummerċjali jew f'avvenimenti jew ħwienet relatati mal-kotba.

<u>vii. Entitajiet Oħra</u>
Entitajiet u gruppi li jippubblikaw u/jew ibigħu kotba relatati mal-entitajiet tagħhom (applikazzjonijiet għal dan it-tip ta' esebitur jiġu aċċettati biss skont id-disponibbiltà wara li jiġu allokati spazji lit-tipi l-oħra kollha ta' esebituri).

<u>viii. Awturi Awtoppubblikati</u>
Awturi li jippubblikaw u/jew ibigħu l-kotba indipendentament (applikazzjonijiet għal dan it-tip ta' esebitur jiġu aċċettati biss skont id-disponibbiltà tal-ispazju meta tasal l-applikazzjoni). L-awturi awtoppubblikati jingħataw stands ta' Kategorija F b'miżata ta' €50.

<u>ix. Sponsors</u>
Entitajiet, gruppi, assoċjazzjonijiet, pubblikaturi jew individwi oħra li huma sponsors ta' inizjattiva waħda jew aktar tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2026 (applikazzjonijiet għal dan it-tip ta' esebitur se jiġu aċċettati biss skont id-disponibbiltà wara li jiġu allokati spazji lit-tipi l-oħra kollha ta' esebituri). L-isponsors jibbenefikaw minn rinunzja tal-miżata għall-istand tagħhom.

## 2) <u>Kategoriji ta' Stands u Miżati</u>

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2026 se jsir fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC). Kull esebitur għandu jħallas lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għall-allokazzjoni u l-użu ta' stand fl-MFCC.

Il-miżata pagabbli għal kull kategorija ta' stand, u l-affarijiet inklużi fil-miżata għal kull kategorija ta' stand, huma deskritti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawżola 2.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jissussidja l-miżati għall-Kategoriji ta' Stands A, B, Ċ, D u E b'75%, b'tali mod li l-miżati kollha għal dawn il-Kategoriji ta' Stands huma skontati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kif deskritt f'aktar dettall hawn taħt. Il-miżata għall-Kategorija F hija miżata fissa kif inhu spjegat f'aktar dettall hawn taħt.

Kategorija ta’ Stand A - spazju ta’ 6m x 4m

Il-pakkett ta’ Stand tal-Kategorija A jinkludi dawn li ġejjin:

- Sa 28 metru ta’ xkaffar aġġustabbli skont ir-rekwiżiti tal-klijent (l-ammont ta’ xkafef jista’ jiġi diskuss mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wara l-istadju tal-applikazzjoni)
- Bank għall-cash register bi spazju li jissakkar (Fond: 100ċm, Wisa’: 50ċm) u żewġ banketti
- Bank fejn jintwerew il-kotba (Fond: 100ċm, Wisa’: 100ċm)
- Tliet siġġijiet li jingħalqu
- Tabella b’isem il-kumpanija u l-emblema tagħha
- Socket waħda b’erba’ plakek ta’ 13-il amp
- Tliet tubi LED ta’ 30 watt
- Tapit

**Miżata: ~~€1600~~ €400**

Kategorija ta’ Stand B - spazju ta’ 9m x 4m

Il-pakkett ta’ Stand tal-Kategorija B jinkludi dawn li ġejjin:

- Sa 44 metru ta’ xkaffar aġġustabbli skont ir-rekwiżiti tal-klijent (l-ammont ta’ xkafef jista’ jiġi diskuss mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wara l-istadju tal-applikazzjoni)
- Bank għall-cash register bi spazju li jissakkar (Fond: 100ċm, Wisa’: 50ċm) u żewġ banketti
- Bank fejn jintwerew il-kotba (Fond: 100ċm, Wisa’: 100ċm)
- Erba’ siġġijiet li jingħalqu
- Tabella b’isem il-kumpanija u l-emblema tagħha
- Żewġ sockets b’erba’ plakek ta’ 13-il amp
- Erba’ tubi LED ta’ 30 watt
- Tapit

**Miżata: ~~€2222~~ €555**

Kategorija ta’ Stand Ċ - spazju ta’ 12m x 4m

Il-pakkett ta’ Stand tal-Kategorija Ċ jinkludi dawn li ġejjin:

- Sa 56 metru ta’ xkaffar aġġustabbli skont ir-rekwiżiti tal-klijent (l-ammont ta’ xkafef jista’ jiġi diskuss mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wara l-istadju tal-applikazzjoni)
- Bank għall-cash register bi spazju li jissakkar (Fond: 100ċm, Wisa’: 50ċm) u żewġ banketti
- Tliet bankijiet fejn jintwerew il-kotba (Fond: 100ċm, Wisa’: 100ċm)
- Ħames siġġijiet li jingħalqu
- Tabella b’isem il-kumpanija u l-emblema tagħha
- Tliet sockets b’erba’ plakek ta’ 13-il amp
- Ħames tubi LED ta’ 30 watt
- Tapit

**Miżata: ~~€2964~~ €740**

Kategorija ta’ Stand D - spazju ta’ 15m x 4m

Il-pakkett ta' Kategorija ta' Stand D jinkludi dawn li ġejjin:

- Sa 56 metru ta' xkaffar aġġustabbli skont ir-rekwiżiti tal-klijent (l-ammont ta' xkafef jista' jiġi diskuss mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wara l-istadju tal-applikazzjoni)
- Bank għall-cash register bi spazju li jissakkar (Fond: 100ċm, Wisa': 50ċm) u żewġ banketti
- Erba' bankijiet fejn jintwerew il-kotba (Fond: 100ċm, Wisa': 100ċm)
- Ħames siġġijiet li jingħalqu
- Tabella b'isem il-kumpanija u l-emblema tagħha
- Tliet sockets b'erba' plakek ta' 13-il amp
- Sitt tubi LED ta' 30 watt
- Tapit

**Miżata: ~~€3705~~ €926**

<u>Kategorija ta' Stand E - Stands skont il-bżonnijiet tal-esebituri</u>

Il-pakkett ta' Kategorija ta' Stand E huwa pakkett li jista' jiġi adattat skont il-bżonnijiet speċifiċi tal-esebituri.

B'dan il-pakkett, l-esebituri jistgħu japplikaw jew għal kwalunkwe wieħed mill-ispazji standard tal-istands għal waħda mill-kategoriji ta' stands imsemmijin hawn fuq (jiġifieri 6mx4m, 9mx4m, 12mx4m, 15mx4m), jew jistgħu jitolbu spazju ta' stand differenti.

Il-miżata pagabbli mill-esebituri lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għall-allokazzjoni ta' spazju ta' stand f'din il-kategorija ta' stand hija €15 għal kull metru kwadru (skontat minn €60 għal kull metru kwadru). Tali miżata għandha titqies apparti minn xi miżata jew spiża oħra li tista' tiġi kkwotata separatament, u tkun pagabbli lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u/jew kwalunkwe parti terza oħra b'rabta mal-għoti/akkwist ta' kwalunkwe oġġett għall-esebitur għajr l-ispazju tal-istand.

Stands skont il-bżonnijiet tal-esebituri jużaw l-għamara tal-esebituri stess u xkaffar skont kif jiġi akkwistat jew ordnat mill-esebituri. F'dan il-pakkett, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jipprovdi l-oġġetti standard li ġejjin:

- Tliet sockets b'erba' plakek ta' 13-il amp
- Tubi LED ta' 30 watt (Skont id-daqs tal-istand)
- Panelling tal-ħitan
- Tapit
- Tabella

<u>L-istands kollha jistgħu jagħmlu adattamenti kif jixtiequ huma, u jikru oġġetti oħra bħal:</u>

- Xkaffar
- Bankijiet b'cash registers li jissakkru
- Bankijiet fejn jintwerew il-kotba

B'dan il-pakkett, l-esebituri jistgħu jitolbu lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb joħroġ kwotazzjoni ta' miżata sabiex jipprovdi dawn li ġejjin:

- L-ipprintjar ta' posters, PVC (għal mal-bankijiet), drapp (prints kbar) u stickers tal-vinyl, oġġetti oħra
- Imwejjed għoljin
- Banketti
- Bankijiet kif jippreferu
- Panelling kif jippreferu
- Kiri ta' televixins
- Plinths
- Trussing
- Għamara oħra skont it-talba (Skont id-disponibbiltà)

**Miżata: ~~€60 għal kull metru kwadru~~ €15 għal kull metru kwadru**

***Jekk qed tapplika għal custom stand, mitlub tħallas depożitu ta' EUR500 mill-ewwel. F'l-applikazzjoni se tintalab iddaħħal il-metraġġ tal-istand tiegħek, u l-bqija tal-ammont jitħallas wara li ddaħħal l-applikazzjoni sħiħa. Il-KNK jikkuntattjak sabiex jiġi ffinalizzat il-ħlas sħiħ.**

Kategorija ta' Stand F - 1.5m x 2m (Awturi awtoppubblikati)

Il-pakkett ta' Kategorija ta' Stand F jinkludi biss l-użu ta' spazju ta' stand wieħed għall-awturi awtoppubblikati biss mingħajr xkaffar, b'bank wieħed żgħir u print ta' 90ċm x 100ċm kif jippreferu huma.
**Miżata: €50**

3) Ħlas

Il-ħlas ta' miżati għall-istands għandu jsir **META** tissottometti l-applikazzjoni tiegħek.

Rinunzja tal-Miżata

Rinunzja sħiħa tal-miżata tapplika **biss** għal dawn l-entitajiet: Sponsors (esebitur tip ix).

4) L-allokazzjoni tal-istands

L-allokazzjoni tal-istands hija f'idejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u ssir abbażi tal-ispazji finali totali tal-istands kollha li jkun hemm applikazzjonijiet għalihom u tal-qisien tal-post. Id-deċiżjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb marbuta mal-aċċettazzjoni jew ir-rifjut ta' applikazzjoni minn esebitur prospettiv għandha tkun finali u għandha tiġi kkomunikata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb lill-applikant relattiv sa mhux aktar tard **mit-3 ta' Ġunju 2026**. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb m'għandux ikun marbut jew mitlub jipprovdi raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward.

5) Attivitajiet u Avvenimenti

L-esebituri interessati li jorganizzaw kwalunkwe attività jew avveniment waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2026 huma mitlubin jissottomettu l-interess tagħhom **permezz ta' formola ta' applikazzjoni separata disponibbli fuq Submittable.**

6) Aktar kundizzjonijiet u regolamenti

6.1 L-esebituri **ma jistgħux** iċaqalqu l-imwejjed u/jew l-għamara barra mill-ispazju allokat u mfassal għall-istand tagħhom. Jekk esebitur jikser din il-klawżola, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ikollu l-poter li jkeċċi lill-esebitur immedjatament mill-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, u l-esebitur ikollu jħallas multa ta' €1,000 lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6.2 L-ebda esebitur ma jista' jagħti materjal promozzjonali li mhuwiex adattat għall-etajiet tal-minuri u li mhuwiex marbut mal-kotba lill-minuri li jattendu l-festival. Jekk esebitur jikser din il-klawżola, huwa jkollu jħallas multa ta' €1,000 lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6.3 L-esebituri huma obbligati li juru u jbigħu kotba adattati għall-etajiet inkwistjoni fiż-żjarat tal-iskejjel filgħodu. Nuqqas ta' konformità ma' dan l-obbligu jwassal sabiex l-esebitur jitqies ineliġibbli li jipparteċipa f'edizzjonijiet futuri tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, u jkollu jħallas multa ta' €1,000 lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għan-nonkonformità tiegħu.

6.4 Ħżin minimu ta' oġġetti biss huwa permess, kif jiġi approvat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. L-esebituri huma mitlubin u obbligati li jneħħu kaxxi vojta u skart mill-istands tagħhom u miż-żoni komuni wara li jarmaw l-istand u qabel ma jibda l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Kaxxi vojta u skart huma r-responsabbiltà ta' kull esebitur u ma jistgħux jinżammu jew jintremew fl-istand stess, fil-kurituri jew fiż-żoni komuni. Għandhom jintużaw l-iskipps u/jew il-kmamar f'żoni strateġiċi sabiex jinżamm jew jintrema dan il-materjal, skont l-istruzzjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Jekk il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ineħħi u/jew jarmi xi kaxxi vojta jew skart li jinżamm jew jitqiegħed mill-esebitur f'post li jikser din il-klawżola, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandu jagħti multa lill-esebitur relevanti għas-servizzi tat-tindif bir-rata ta' €15 (VAT esklużi) skont is-sigħat li jqatta' l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (jew xi ħadd mill-impjegati, aġenti jew kuntratturi tiegħu) ineħħi u/jew jarmi l-kaxxi vojta jew l-iskart.

6.5 L-esebituri ma jistgħux jużaw aktar minn tagħmir tad-dawl ta' 1.2kw. L-esebituri ma jistgħux jużaw elettriku li jaqbeż it-30A. Apparat li jirrikjedi ħafna elettriku jrid jiġi approvat minn qabel bil-miktub mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6.6 L-esebituri huma permessi joffru xorb b'xejn wara u/jew waqt avveniment (bħal tnedija ta' ktieb, qari, eċċ.) fuq l-istand rispettiva tagħhom jew xi mkien ieħor fis-sala. Ikel ma jistax jitqassam mill-esebituri sakemm mhux b'approvazzjoni diretta u bil-miktub minn qabel mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6.7 L-esebituri jistgħu jużaw biss sistemi tal-awdjo u apparat elettroniku b'awdjo jew kwalunkwe strument mużikali li jindaqq live fuq l-istands tagħhom jekk jingħata permess bil-miktub minn qabel mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jew jekk stipulat mill-programm uffiċjali tal-avvenimenti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u suġġett għal tali termini u kundizzjonijiet li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iqis xierqa sabiex jippreskrivi

tali finijiet, iżda dment li dan ma jtellifx lill-istands u l-attivitajiet tal-madwar. Esebitur li jikser id-dispożizzjonijiet ta' din il-klawżola għandu jħallas multa ta' €1,000 lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6.8 L-esebituri li jiffirmaw din il-formola imma jonqsu milli jimlew l-istand tagħhom bil-kotba u bil-materjal tagħhom, u/jew jonqsu milli jieħdu ħsieb l-istand tagħhom matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, u/jew milli jkunu preżenti fl-istand taħhom matul il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ikollhom iħallsu multa ta' €1,000 lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6.9 Il-Ħadd 8 ta' Novembru, l-esebituri jistgħu jibdew iżarmaw l-istand tagħhom **mit-8pm 'il quddiem biss.** Il-kotba għandhom jiġu stivati fil-kaxxi u jitħallew fil-kuritur ħdejn l-istand tal-esebitur rispettiv. Jekk l-esebituri ma jkunux jistgħu jieħdu l-affarijiet tagħhom fl-istess ġurnata, dawn jistgħu jitneħħew nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru sa mhux aktar tard minn 12pm (nofsinhar). Kwalunkwe esebitur li jonqos milli jneħħi l-materjal/l-oġġetti kollha tiegħu, inkluż l-iskart (bħal kaxxi tal-kartun) mill-post sat-Tnejn 9 ta' Novembru f'12pm (nofsinhar), irid iħallas multa ta' €1,000, li għandha tkun pagabbli lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru, 2026.

6.10 L-esebituri li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet ta' aġenda politika jew reliġjuża ma jistgħux jiddistribwixxu materjal promozzjonali barra miż-żona assenjata lilhom, jiġifieri l-istand li ġiet allokata lilhom. Huwa strettament ipprojbit li tali esebituri jippruvaw jattiraw lill-viżitaturi fiż-żoni komuni u ż-żoni immedjatament barra l-bibien u l-gradi ewlenin. Nuqqas ta' konformità ma' din il-kundizzjoni jwassal sabiex l-esebitur jitqies ineliġibbli għall-parteċipazzjoni f'edizzjonijiet futuri tal-Festival.

6.11 Billi jiffirma din il-formola, l-esebitur jaqbel li jindennizza u jeżonera lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb minn u kontra kwalunkwe dikjarazzjoni, talba, azzjoni, ħsara, responsabbiltà, telf, u spiża (inklużi l-miżati u l-ispejjeż raġonevoli tal-avukati) (minn hawn 'il quddiem indirizzati kollettivament bħala d-"Dikjarazzjonijiet"), li jistgħu jitressqu kontra l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jew jiġġarrbu minnu, li jkunu ġejjin mill-parteċipazzjoni tal-esebitur fil-Festival jew b'rabta ma' dan. L-indennizz ipprovdut f'din il-Klawżola għandu japplika għal kwalunkwe tip ta' Dikjarazzjoni, inkluż iżda mhux limitat għal kwalunkwe dikjarazzjoni dwar korriment personali, ħsara tal-propjetà, drittijiet tal-awtur jew ksur ieħor tad-drittijiet għall-propjetà intellettwali, jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra li tkun ġejja mill-parteċipazzjoni tal-esebitur fil-Festival jew b'rabta ma' dan. L-obbligu tal-esebitur li jindennizza u jeżonera lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb skont din il-Klawżola għandu jgħodd sa tmiem il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jew it-twaqqif bikri tal-parteċipazzjoni tal-esebitur fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb (skont xi jkun il-każ). Dan l-indennizz għandu jkun vinkolanti għall-esebitur, u għandu japplika għall-benefiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u s-suċċessuri rispettivi tiegħu u dawk assenjati minnu.

6.12 Billi jimla, jiffirma u jissottometti din l-applikazzjoni, kull esebitur għalhekk jaqbel u jaċċetta r-regoli, ir-regolamenti u l-obbligi kollha preskritti hawnhekk, u jaqbel u jaċċetta li jipproċessa l-miżata tal-ħlas tal-applikazzjoni sal-5 ta' Mejju 2026 jew dakinhar stess. Kull esebitur jaqbel ukoll li jaġixxi f'konformità ma' kwalunkwe deċiżjoni u/jew struzzjoni li tista' ssir u/jew tinħareġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb b'rabta mal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-parteċipazzjoni ta' kull esebitur fil-Festival

Nazzjonali tal-Ktieb. Id-deċiżjonijiet u/jew l-istruzzjonijiet kollha li jsiru u/jew jinħarġu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb b'rabta ma' kull applikazzjoni huma vinkolanti u finali.

6.13 Jekk jogħġbok innota li sabiex tbigħ il-kotba tiegħek irid ikollok numru tal-VAT u trid tipprovdi rċevuta tal-VAT fiskali lil kull klijent li jixtri xi ktieb jew kotba mingħandek, ħlief jekk inti eżentat/a milli jkollok numru tal-VAT u milli żżomm il-VAT.

6.14 L-esebituri huma responsabbli li jieħdu ħsieb l-ispazju tal-istand il-ħin kollu u jridu jipprovdu lill-pubbliku b'tagħrif dwar il-ħinijiet li fihom se tkun miftuħa l-istand. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mhuwiex se jinżamm responsabbli għal xi kotba jew materjal personali li jitħallew waħedhom mill-esebituri.

6.15 Aħna nqisu l-festival bħala spazju fejn jintwerew espressjoni u sengħa artistiċi awtentiċi. Sabiex jappoġġjaw u jippromwovu l-kreattività umana, l-esebituri għandhom jużaw arti oriġinali magħmula mill-bnedmin sabiex iżejnu l-istands tagħhom. Huwa pprojbit l-użu ta' stampi jew disinji għal tabelli, posters, jew elementi dekorattivi oħra ġġenerati mill-IA.

6.16 Din il-formola għandha tiġi rregolata u interpretata f'konformità mal-liġijiet ta' Malta. Il-qrati ta' Malta għandu jkollhom ġuriżdizzjoni esklużiva sabiex jiddeterminaw u jiddeċiedu fuq kwalunkwe tilwim li jista' jinqala' b'rabta ma' din il-formola.

6.17 Il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jkunu:

| | | |
|---|---|---|
| L-Erbgħa | 4/11 | 09:00-21:00 |
| Il-Ħamis | 5/11 | 09:00-13:00; 17:00-21:00 |
| Il-Ġimgħa | 6/11 | 09:00-13:00; 17:00-21:00 |
| Is-Sibt | 7/11 | 09:00-21:00 |
| Il-Ħadd | 8/11 | 09:00-20:00 |

7) <u>Kotba magħżulin biex jintwerew</u>

Jekk jogħġbok ipprovdi kampjun tal-ismijiet tal-kotba li se jintwerew fuq l-istand tiegħek, flimkien mal-awturi u n-numri tal-ISBN tagħhom. Jekk jogħġbok kun af li jekk ikun hemm promozzjoni relatata ma' kotba b'rabta mal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, l-ismijiet imniżżlin f'din is-sezzjoni se jintużaw kif xieraq sabiex jirrappreżentaw il-katalgu tiegħek.

F'każ ta' kjarifika, l-applikanti għandhom jikkuntattjaw lis-Sa Celine Portelli fuq celine.portelli.2@gov.mt or call on 27132078.

**GUIDELINES AND REGULATIONS**

**Malta Book Festival 2026**
**4–8 November**
**MFCC, Ta' Qali**

The deadline to submit applications is **19 May 2026.**

This document is for guidelines and regulations only. Applications are only being received via ktieb.submittable.com/submit. Any applications received through other platforms, such as email, will NOT be considered by the National Book Council.

## 1) Type of Exhibitor

The Malta Book Festival is an event organised by the National Book Council in a bid to encourage the reading, selling and buying of books in any format. Although exhibitors are allowed to sell books to the general public, the primary aims of the event are educational and cultural. Thus: **exhibitors are allowed to sell only books, in any format, and it is strictly forbidden to sell products other than books**. **Vouchers redeemed against any material (example any form of board games, stationery, puppets, memberships etc.) other than books is strictly prohibited.**

For the purposes of this form a 'book' is defined as a publication which carries an ISBN issued by the National Book Council, or any other entity recognised by the ISBN International Agency.

Exhibitors at the Malta Book Festival 2026 must necessarily fall under one of the following categories in order to participate:

i. Publisher
Person or group of persons who own a publishing house and publish books.

ii. Book Industry Professional
Literary agents and brokers, graphic designers, illustrators, content developers and any other professionals working in relation to or specifically within the book industry.

iii. NGO Related to the Book Industry
NGOs that specialise in the promotion of an educational aspect as specified by law, the promotion of a particular language, entities related to the archives or libraries sector, authors and publisher groups or collectives, and cultural and academic groups. NGOs are automatically assigned Category A stands for a nominal fee of €150.

iv. Academic and/or Educational Institution
Primary, secondary and tertiary academic and/or educational institutions that are defined so by law.

v. Public Institution
Public institutions representing publishers or authors, both foreign and local.

vi. Book Distributor/Seller
An entity, company or otherwise that distributes and/or sells books in commercial outlets or book-related events or outlets.

vii. Other Entities
Entities and groups that publish and/or sell books related to their entities (applications for this type of exhibitor shall only be accepted subject to availability after spaces are allocated to all other types of exhibitors).

viii. Self-published Author
Authors that publish and/or sell books independently (applications for this type of exhibitor shall only be accepted subject to availability of space at the time of receiving the application). Self-published authors are assigned Category F stands for a nominal fee of €50.

ix. Sponsor
Entities, groups, associations, publishers or other individuals that are sponsors of one or more Malta Book Festival 2026-related initiatives (application for this type of exhibitor shall only be accepted subject to availability after spaces are allocated to all other types of exhibitors). Sponsors benefit from a fee waiver on their stand.

**2) Category of Stand and Fees**

The Malta Book Festival 2026 shall be organized and held at the Malta Fairs & Conventions Centre (MFCC). Each exhibitor shall pay a fee to the National Book Council for the allocation and use of a stand at the MFCC.

The fee payable for each stand category, and the items that are included in the fee for each stand category, are described in the following provisions of this clause 2.

The National Book Council subsidises the fees for Stand Categories A, B, C, D and E by 75%, such that all fees for these Stand Categories are discounted by the National Book Council as described in further detail below. The fee for Stand Category F is a fixed fee as described in further detail below.

Stand Category A - 6m x 4m footprint

The Stand Category A package includes the following items only:
- Up to twenty-eight metres of shelving adjustable to client's requirements (amount of shelving to be discussed with the National Book Council after application stage)
- One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
- 1 Display Counter (D: 100cm, W: 100cm)
- Three foldable chairs
- Fascia with company name and logo
- One 4-in-line 13 amp socket

- Three 30 watt LED Light
- Carpeting

**Fee: ~~€1600~~ €400**

Stand Category B - 9m x 4m footprint

The Stand Category B package includes the following items only:

- Up to forty-four metres of shelving adjustable to client's requirements (amount of shelving to be discussed with the National Book Council after application stage)
- One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
- 2 Display Counters (D: 100cm, W: 100cm)
- Four foldable chairs
- Fascia with company name and logo
- Two 4-in-line 13 amp socket
- Four 30 watt LED Lights
- Carpeting

**Fee: ~~€2222~~ €555**

Stand Category C - 12m x 4m footprint

The Stand Category C package includes the following items only:

- Up to fifty-six metres of shelving adjustable to client's requirements (amount of shelving to be discussed with the National Book Council after application stage)
- One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
- 3 Display Counters (D: 100cm, W: 100cm)
- Five foldable chairs
- Fascia with company name and logo
- Three 4-in-line 13 amp socket
- Five 30 watt LED Lights
- Carpeting

**Fee: ~~€2964~~ €740**

Stand Category D - 15m x 4m footprint

The Stand Category D package includes the following items only:

- Up to fifty-six metres of shelving adjustable to client's requirements (amount of shelving to be discussed with the National Book Council after application stage)
- One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
- 4 Display Counters (D: 100cm, W: 100cm)
- Five foldable chairs
- Fascia with company name and logo
- Three 4-in-line 13 amp socket
- Six 30 watt LED Lights
- Carpeting

**Fee: ~~€3705~~ €926**

<u>Stand Category E - Custom stands</u>

The Stand Category E package is a package that may be tailored and customised according to an exhibitor's specific needs.

Under this package, an exhibitor may either apply for any one of the standard stand footprints for any of the above mentioned stand categories (i.e. 6mx4m, 9mx4m, 12mx4m, 15mx4m), or may request a different stand footprint.

The fee payable by the exhibitor to the National Book Council for the allocation of a stand footprint space under this stand category is €15/sqm (discounted from €60/sqm). Such fee shall be exclusive of any other fees and costs that may be separately quoted by, and payable to, the National Book Council and/or any other third party in relation to the provision/procurement of any items to the exhibitor other than the stand footprint.

Custom Stands make use of exhibitors' own furniture and shelving as may be procured or ordered by the exhibitor. Under this package, the National Book Council provides the following standard items only:

- Three 4-in-line 13 amp sockets
- 30 watt LED Lights (According to stand size)
- Wall panelling
- Carpeting
- Fascia

<u>All stands can make use of customizations and other rentals such as:</u>

- Shelves
- Small Lockable counters
- Display counters

Under this package, an exhibitor may request the National Book Council to issue a fee quote for the provision of the following:

- Printing of Posters, PVC (Counter Fronts), Fabric (Large Prints) & Vinyl stickers, Others
- Bistro Tables
- Stools
- Custom counters
- Custom-made panelling
- TV Rentals
- Plinths
- Trussing
- Other furniture per request (Subject to availability)

**Fee: ~~€60 per sqm~~ €15 per sqm**

***If you are applying for a custom stand, you are required to pay a deposit of EUR 500 upon application. The remainder of the amount is to be paid based on the size of the stand applied for, following the submission of application. Communication shall be sent by the National Book Council.**

<u>Stand Category F - 1.5m x 2m (Self-published authors)</u>

The Stand Category F package only includes the use of one stand space for self-published authors only with no shelves, one small counter and a 90cm x 100cm customisable print.
**Fee: €50**

<u>3) Payment</u>

Payment may only be effected via submittable through the application platform.

**Fee Waiver**
A full fee waiver applies <u>**only**</u> to the following entities: Sponsors (exhibitor type ix).

<u>4) Allocation of Stands</u>

Allocation of stands is at the sole discretion of the National Book Council and performed based on the final total footage of all stands applied for and floor map constraints. The decision of the National Book Council relating to the acceptance or refusal of an application by a prospective exhibitor shall be final and shall be communicated by the National Book Council to the relative applicant by no later than **3rd June 2026**. The National Book Council shall not be bound or otherwise required to provide reasons underlying its decisions in this respect.

<u>5) Activities and Events</u>

Exhibitors interested in holding any activities or events that they intend to host during the Malta Book Festival 2026 are requested to submit their interest **through a separate application form available on Submittable.**

<u>6) Further Conditions and Regulations</u>

6.1 Exhibitors are <u>**not allowed**</u> to move tables and/or furniture outside of their allocated and designated stand space. If an exhibitor breaches this clause, the National Book Council shall have the power to immediately evict the exhibitor from the Malta Book Festival, and the exhibitor shall be liable to effect payment to the National Book Council of a penalty amounting to €1,000.

6.2 No exhibitor is allowed to hand out age-inappropriate or book-unrelated promotional flyers to minors attending the festival. If an exhibitor breaches this clause, the exhibitor shall be liable to effect payment to the National Book Council of a penalty amounting to €1,000.

6.3 Exhibitors are obliged to display and sell age-appropriate books during the morning school visits. Failure to comply with this obligation would cause the exhibitor to be ineligible for participation in future editions of the Malta Book Festival, and the exhibitor shall be liable to pay the National Book Council a penalty for such non-compliance amounting to €1,000.

6.4 Only minimal storage is allowed as may be approved by the National Book Council. Exhibitors are required and obliged to remove any empty boxes and trash from their stands and common areas after setting up their stand and before the start of the Malta Book Festival. Empty boxes and trash are the responsibility of each exhibitor and cannot be retained or disposed of in its stand or in corridors and common areas. Skips and/or rooms in strategic areas should be used to store or dispose of such material, as further instructed by the National Book Council. Should the National Book Council clear and/or dispose of any empty boxes or trash retained or placed by an exhibitor in breach of this clause, the National Book Council shall charge the relevant exhibitor a fee for cleaning services at the rate of €15 (VAT excluded) per hour of time spent by the National Book Council (or any of its employees, agents or contractors) in clearing and/or disposing of any such empty boxes or trash.

6.5 Exhibitors cannot make use of more than 1.2kw of lighting fittings. Exhibitors cannot make use of an electrical load exceeding 30A. High-power appliances will need to be pre-approved in writing by the National Book Council.

6.6 Exhibitors are allowed to offer free drinks following and/or during an event (such as a book launch, reading etc.) on their respective stand or elsewhere in the hall. Food cannot be distributed by any exhibitor unless with direct and prior written approval from the National Book Council.

6.7 Exhibitors can only use sound systems, electronic devices emitting sound or any musical instrument played live on their stands if prior written permission is granted by the National Book Council or otherwise if so stipulated by the National Book Council's official programme of events, and subject to such terms and conditions as the National Book Council may deem fit to prescribe for such purposes, but provided that neighbouring stands and activities are not disrupted. An exhibitor that breaches the provisions of this clause shall be liable to pay to the National Book Council a penalty amounting to €1,000.

6.8 Exhibitors who sign this form but fail to fill their stand with their books and stock, and/or fail to attend to their stand throughout the Malta Book Festival, and/or be present at their stand during the opening hours of the Malta Book Festival shall be liable to a penalty amounting to €1,000 and payable to the National Book Council.

6.9 On Sunday 8 November, exhibitors can start to dismantle their stand from **8 pm onwards only**. Books are to be packed in boxes and left in the corridor by the exhibitor's respective stand. If exhibitors are unable to remove all property on the same day, items may be removed on Monday 9 November by not later than 12pm (noon). Any exhibitor failing to remove all property/ items, including waste (such as cardboard boxes) from the venue by Monday 09 November at 12pm (noon), shall be

liable to a penalty of €1,000 which shall be payable to the National Book Council by no later than 20 November 2026.

6.10 Exhibitors representing organisations of a political or religious agenda must not distribute any promotional material outside of their designated area, i.e. the stand that was allocated to them. Soliciting visitors in the common areas and the areas immediately outside the main doors and gates is also strictly prohibited. Failure to comply with this condition would cause the exhibitor to be ineligible for participation in future editions of the Festival.

6.11 By signing this form, the exhibitor hereby agrees to indemnify and hold harmless the National Book Council from and against any and all claims, demands, actions, damages, liabilities, losses, costs, and expenses (including reasonable attorneys' fees and expenses) (hereinafter referred to collectively as the "Claims"), which may be brought against or incurred by the National Book Council, arising out of or in connection with the exhibitor's participation at the Malta Book Festival. The indemnity provided under this Clause shall apply to any type of Claim, including but not limited to any claim for personal injury, property damage, copyright or other intellectual property right infringement, or any other claim arising out of or in connection with the exhibitor's participation at the Malta Book Festival. The exhibitor's obligation to indemnify and hold harmless the National Book Council under this Clause shall survive the end of the Malta Book Festival or the earlier termination of the exhibitor's participation at the Malta Book Festival (as the case may be). This indemnity shall be binding upon the exhibitor, and shall inure to the benefit of the National Book Council, and their respective successors and assigns.

6.12 By completing, signing and submitting this application, each exhibitor hereby agrees to and accepts all the rules, regulations and obligations prescribed herein, and to process the application fee payment on or by 5 May 2026. Each exhibitor further agrees to act in accordance with any and all decisions and/or instructions that may be made and/or issued by the National Book Council in relation to the Malta Book Festival and the participation of each exhibitor in the Malta Book Festival. All decisions and/or instructions made and/or issued by the National Book Council in relation to each application are binding and final.

6.13 Please note that in order to sell your books you are required to have a VAT number and provide a fiscal VAT receipt to every customer purchasing your book/s, unless you are exempt from having a VAT number and charging VAT.

6.14 The exhibitor is responsible for manning the stand space at all times and must provide the public with stand manning hours. The National Book Council will not be held responsible for any books or personal belongings left unattended by the exhibitor.

6.15 We value the festival as a space for showcasing authentic artistic expression and craftsmanship. To support and promote human creativity, exhibitors are to use original, human-made artwork in the decoration of their stands. The use of AI-generated images or designs for banners, posters, signage, or other decorative elements is prohibited.

6.16 This form shall be governed by and construed in accordance with the laws of Malta. The courts of Malta shall have exclusive jurisdiction to determine and decide on any dispute that may arise in relation to this form.

6.17 The opening hours of the 2026 Malta Book Festival shall be:

| | | |
|---|---|---|
| Wednesday | 4/11 | 09:00-21:00 |
| Thursday | 5/11 | 09:00-13:00; 17:00-21:00 |
| Friday | 6/11 | 09:00-13:00; 17:00-21:00 |
| Saturday | 7/11 | 09:00-21:00 |
| Sunday | 8/11 | 09:00-20:00 |

7) Selected books to be displayed

Please provide a sample of book titles to be exhibited at your stand, along with their authors and ISBN numbers. Please note that should there be any promotion related to book titles in relation to the Malta Book Festival, the titles listed in this section will be used accordingly as representative of your catalogue.

In case of any clarifications, applicants are to contact Ms. Celine Portelli on celine.portelli.2@gov.mt or call on 27132078.